MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1238/2000/1

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Jacquline Mackay Saliba**

## Il-Qorti.

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi skond id-dokument relattiv hawn anness u mmarkat Dok “A” kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (awtrici ta’ Maltacom p.l.c.) il-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mija u tlieta u tmenin lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm1,183.96) in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon relattivi ghal-linji bin-numri, erbgha, tmienja, tnejn, tmienja, sitta, sitta (482866),

u hamsa, tnejn, erbgha, erbgha, hamsa, wiehed (524451) skond il-prospett hawn anness u mmarkat bhala Dok “B” ;

Premess illi ghalkemm il-konvenuta interpellata biex thallas baqghet inadempjenti;

Premess illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u ezigibbli;

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta’ attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mija u tlieta u tmenin lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm1,183.96).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tat-taxxa tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------